DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

Tel: 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

ĊIRKULARI

Informazzjoni: X **Data:** 11 ta' Jannar 2016

Azzjoni: X **Ref:** DCM 012/2016

Lill- : Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

Mingħand: Anthony Farrugia – Uffiċċjal Edukattiv, Primarja

Suġġett: Studji Soċjali fis-Sitt Sena Primarja

Skont ir-riorganizzazzjoni fl-Istudji Soċjali, tul is-sena skolastika preżenti (2015-16) l-istudenti tas-Sitt Sena Primarja għandhom jagħmlu t-taħriġ li ġej bħala parti mill-assessjar formali tagħhom.

	Żmien	**Taħriġ**
A	bejn **Ottubru u Jannar**	Taħriġ prattiku *(fieldwork)*: **ŻJARA FIL-BELT VALLETTA**
B	bejn **Frar u Mejju**	L-għalliema u l-istudenti jagħżlu li jaħdmu fuq wieħed minn dawn: ▪ (jew) taħriġ prattiku (*fieldwork)* ieħor; ▪ (jew) proġett wieħed magħżul minn lista tal-proġetti li tinsab fil-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/

Fil-każ ta' *fieldwork B*, dan jista' jsir jew fil-park arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim, fil-limiti tal-Qrendi jew fit-tempji tal-Ġgantija, limiti tax-Xagħra Għawdex. Il-klassijiet tas-Sitt Sena jistgħu jibbukkjaw is-sessjoni tagħhom billi jċemplu fuq in-numri 21424231(Ħaġar Qim, Malta) jew 21556153 (Ġgantija, Għawdex).

It-taħriġ prattiku qiegħed jiġi organiżżat b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija *Heritage Malta.* Meta l-għalliem iċempel fis-sit biex isir l-appuntament għandu jgħarraf lill-istaff ta' *Heritage Malta* li se jkun qed isir it-taħriġ prattiku (*fieldwork).* Wara t-telefonata, il-*bookings* jiġu kkonfermati permezz ta' *email* li tasal għand l-għalliem/a.

Dwar it-taħriġ prattiku (*fieldwork)*:

1. Ħaġar Qim jistgħu jidħlu sa 40 persuna f'daqqa, filwaqt li l-Ġgantija n-numru m'għandux jaqbeż it-30.

2. Is-sessjonijiet isiru bejn id-9:00am u l-11:00am jew bejn l-10:30am u l-12:30pm. Ħa jiġu aċċettati massimu ta' żewġ gruppi f'ġurnata.

3. Is-sessjonijiet ser jiftħu fi Frar u jibqgħu sejrin sa l-aħħar ta' Mejju 2016.

4. Iż-żewġ siti huma aċċessibbli imma jista' jkun hemm xi diffikultajiet biex wieħed jidħol fit-tempji minħabba li f'ċertu partijiet l-art ma hix lixxa minkejja li hemm rampi u *walkways*.

5. Matul iż-żjara għandhom jiġu segwiti r-regolamenti kollha maħruġa minn *Heritage Malta*. Ir-regolamenti jinsabu fuq il-websajt: www.heritagemalta.org.

6. L-istudenti huma mistennija li jkollhom magħhom:
   (i) kopja tal-*fieldwork notes* uffiċjali li jinsabu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt,
   (ii) żewġ lapsijiet, gomma, eċċ.
   (iii) *field-board* biex jiktbu fuqha.

7. Billi dan it-taħriġ prattiku jifforma parti mill-assessjar uffiċjali tal-aħħar tas-sena, is-sessjoni titmexxa mill-għalliem/a tal-klassi u **fl-ebda ħin** l-istudenti m'għandhom jitolbu l-għajnuna tal-impjegati ta' Heritage Malta li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom fuq is-sit.

8. L-għalliema Maltin, jekk jixtiequ, jistgħu jagħmlu t-taħriġ prattiku tal-Ġgantija, flok dak ta' Ħaġar Qim, u viċe versa għall-għalliema Għawdxin.

9. It-trasport lejn is-sit u lura lejn l-iskola huwa responsabbiltà tal-iskejjel.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

Gaetano Bugeja
Direttur,
Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu